# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Ġunju 2024

**NR 130/2024** **Data tal-Ħruġ: 17 ta' Lulju 2024**

*F'Ġunju 2024, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) kienet ta' 2.2 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta' 2.3 fil-mija rreġistrata x-xahar ta' qabel.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F'Ġunju 2024, l-ogħla rati annwali ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fil-Prodotti u servizzi mixxellanji (4.1 fil-mija) u fl-Edukazzjoni (4.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-Komunikazzjoni (-12.2 fil-mija) u l-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.2 fil-mija) rreġistraw l-aktar rati annwali baxxi tal-inflazzjoni (Tabelli nri 1 u 3).

## Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




F'Ġunju 2024, l-akbar kontribuzzjoni pożittiva għall-inflazzjoni annwali ġiet mill-Indiċi tar-Ristoranti u lukandi (+0.71 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tas-servizzi tar-ristoranti. It-tieni u t-tielet l-akbar kontribuzzjonijiet għall-inflazzjoni annwali kienu nnotati fl-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+0.64 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Prodotti u servizzi mixxellanji (+0.31 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-ħaxix u l-prodotti għall-indafa personali, rispettivament.

Il-kontribuzzjonijiet negattivi għall-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Indiċi tal-Komunikazzjoni (-0.46 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.01 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas tas-servizzi tal-mowbajl u taż-żraben, rispettivament (Ċart nru 2, Tabella nru 4).

## Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Ġunju 2024




Noti:

1. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.

2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tqabbel l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ta' Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'Ġunju 2024, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 2.2 fil-mija, 0.3 punti perċentwali inqas mir-rata ta' 2.5[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

## Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro




Sors: NSO u Eurostat.